# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru : 23/2019JPG**

**Kawza Numru : 21**

**EM**

**vs.**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Em, datat 16 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar l-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (01/09/2001), u dana skond certifikat ta' zwieg numru 1370/2001 Dok. "A" hawn unit.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied u cioe' K li twieldet f'X u KN li twieled f'Y.*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippublikat minn Nutar Dottor Roberta Borg tas-sitta u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn erbatax (26/11/2014) li kopja tieghu tinsab hawn unita u markata "B".*

4. *Illi l-partijiet kienu qablu li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri K u KN tigi fdata f'idejn l-omm intimata, jibqghu jghixu ma' l-omm, b'dana pero li l-*

*awtorita; parentali relattiva ghall-istess tfal minuri tibqa vestita konguntivment f'idejn iz-zewg partijiet genituri, u bi dritt ta' access hieles u ampju ghall-missierhom l-esponent [Ara Para 7A u B tad-Dok. "B" hawn unit].*

5. *Illi l-esponent EM obbliga ruhu li jipprovdi u fil-fatt ghadu jipprovdi adekwatament ghall-manteniment ta' uliedu minuri K u KN (Ara Artikolu 7C tad-Dok. "B" hawn unit).*

6. *Illi l-esponent kien irinunzja ghad-dritt tieghu li jircievi manteniment minghand marthu l-intimata, fil-waqt li l-intimata kienet iddekadiet minn dan id-dritt taghha li tircievi manteniment minghand l-esponent (Ara Artikolu 5 tad-Dok. "B" hawn unit).*

7. *Illi l-partijiet ilhom ghalhekk aktar minn erba snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divozrju skond l-Artikolu sitta u sittin ittra B (166B) tal-Kodici Civli, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-kontendenti li kien gie celebrat fl-ewwel ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (01/09/2001).*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registrat Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi dehret l-intimata mhux assistita u gew spjegati lilha d-drittijiet legali taghha u rrispondiet

li ma tehtiegx assistenza legali u li mhux qed topponi ghad-divorzju (vide fol 15);

Rat illi l-avukat difensur tar-rikorrenti ghadda *cheque* fl-ammont ta' tlett mija, wiehed u tmenin ewro u hamsin centezmu (€381.50) li jirraprezentaw l-gholi tal-hajja rigward il-manteniment dovut skont il-kuntratt ta' separazzjoni lill-intimata.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**EM** xehed illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Settembru 2001 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fis-2ta' Novembru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg ulied. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**CC** xehdet *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew***

***ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Settembru 2001, (vide Dok A fol 10 ) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Roberta Borg datat 26 ta' Novembru 2014 (vide Dok.B fol 3 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u tqis li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippanronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent, il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**